MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 2327/2002

**Avviz Numru 2327/02 AJD**
**David Busuttil**

**vs**

**Dott. Godwin Muscat Azzopardi u Dott. Patrick Spiteri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' Settembru 2002 fejn gie mitlub li l-konvenuti, jew min minnhom, jigu kkundannati jhallsu lill-attur is-somma ta' sitt mija u wiehed u sittin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm661.25) rapprezentanti drittijiet pprofessjonali ghal servizz debitament ipprestat lilhom mill-attur.
Bl-imghax legali minn meta inghata s-servizz, u bl-ispejjes legali kollha kontra l-konvenuti,, jew min minnhom.

Ra r-Risposta tal-konvenut Dott. Godwin Muscat Azzopardi fejn huwa eccepixxa  is-segwwennti:-
1. Illi huwa qatt ma nkariga lill-attur jaghmel ebda xoghol kif pretiz mill-attur.
2. Ghalhekk m'huwiex il-legittimu kontradittur f'din il-kawza.

Ra r-Risposta tal-konvenut Dott. Patrick Spiteri fejn huwa eccepixxai s-segwenti:-
1. Illi t-talbiet attrici fil-konfronti tieghu ghandhom jigu michuda billi ma jirrizultawx.
2. Illi l-attur qatt ma ta jew ippresta servizzi professjonali lill-konvenut Dr. Patrick Spiteri.
3. Illi l-konvenut Patricck Spiteri m'ghandu jhallas xejn lill-attur.
Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda tal-attur u ta' Daniel Abela. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ra l-konvenuti qatt ma ressqu provi u dan nonostante li l-kawza giet differita diversi drabi ghal dan l-iskop u fil-fatt fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2003 il-kawza giet differita ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

Illi l-vertenza f'dan il-kaz tirrigwarda min hu l-legittimu kontradittur u cioe' min effettivament inkariga lill-attur jesegwixxi s-servizzi professjonali minnu rezi. L-attur isostni li huwa kien gie inkarigat minn certu Daniel Abela li kien qed jagixxi ghan-nom tad-ditta ta' avukati Muscat Azzopardi Spiteri sabiex jaghmel 'financial forecast' in kwantu jirrigwarda 'business' ta'' klijent taghhom li kien ta' nazzjonalita' Franciza. L-attur jghid *"il-klijent kif fhimt jien, kien ta' Muscat Azzopardi Spiteri. Jiena kont attendejt ghall-laqgha li saret fl-ufficcju ta' Muscat Azzopardi-* Spiteri f'Ta' Xbiex" (ara xhieda tal-attur tad--29 ta' April 2003). Duncan Abela xehed li huwa kien direttur ta' socjeta' kummercjali bl-isem ta' Leeds Limited flimkien maz-zewg konvenuti fil-kawza odjerna u li l-konvenut Muscat Azzopardi kien *"avvicinani fil-kwalita' tieghi ta'*

*direttur ta' Leeds Limited sabiex inhejju business plan ghall-klijent ta' Dr. Muscat Azzopardi. Meta l-konvenut Dr. Muscat Azzopardi kien tani l-brief tax-xoghol li kien involut, jiena kont mal-ewwel infurmajtu li kien hemm bzonn ta' accountant kwalifikat u rrakkomandajt lill-attur ghal dan ixx-xoghol. Sussegwentement saret laqgha fl-ufficcju tal-konvenut Dr. Muscat Azzopardi, bejni,, bejn l-istess Dr. Muscat Azzopardi u l-attur.* Dan ix-xhud spjega li l-inkarigu moghti lill-atttur, cioe' li jipprepara 'financial forecast', gie debitament kompletat minnu.  Dan ix-xhud qal ukoll li kemm huwa, kif ukoll l-attur, Dr. Muscat Azzopardi u certu Ray Spiteri, kienu lkoll marru ghal erbat ijiem Franza sabiex jiltaqghu mal-klijent Franciz, certu Rostaing. Abela jsostni li "*kull meta ltqajna mal-klijent ta' Dr. Muscat Azzopardi, l-istess Dr. Muscat Azzopardi kien dejjem prezenti".* Huwa jghid ukoll li meta tlesta x-xoghol Leeds Limited harget kont in kwantu jirrigwarda x-xoghol maghmul minnha. Inizjalment il-kont gie ndirizzat lil Muscat Azzopardi – Spiteri *"stante li jiena kont gejt inkarigat naghmel ix-xoghol minn Muscat Azzopardi – Spiteri"*  izda sussegwentement huwa inghata struzzjonijiet minn Ray Spiteri  sabiex johrog il-kont f'isem Zimmermann House Projects Limited u jghid li s-socjeta' Leeds Limited thallset meta nhareg dan il-kont. L-attur baghat il-kont tieghu lil Muscat Azzopardi – Spiteri u wara li gie mwieghed li dan il-kont kien ser jithallas, u wara diversi tentattivi sabiex jikkomuinika ma xi hadd fi hdan Muscat Azzopardi – Spiteri, huwa gie riferut minn Ray Spiteri lil certu Fiona Cassar li kienet tahdem ma' Muscat Azzopardi – Spiteri.. Din kienet infurmatu permezz ta'' fax (esebita a fol. 40), liema fax intbaghtet fuq 'letterhead' ta' Muscat Azzopardi – Spiteri, li huwa kellu jirreferi t-talba tieghu lil Dr. Godwin Muscat Azzopardi – *"Kindly address your complaintto Dr. Godwin Muscat Azzopardi.......who had peersonally taken care of work dealing with Hotel St. Julien, Paeville aand Excelstocks plc, and is actually still dealing with these matters to date. For this reason I am unable to process your request."* Mid-dokumenti esebiti a fol. 41 et seq. jirrizulta li effettivament l-attur ghamel diversi tentattivi sabiex jikkomunika mal-konvenut Muscat Azzopardi u dan tal-ahhar permezz ta' fax datata 21 ta' Gunju 2001 (a fol. 44) infurmah li in kwantu jirrigwarda

Resort Hotels *"I am processing the bill on to the client for direct payment"* u in kwantu jirrigwarda Excelstocks huwa infurmah li l-kumpanija keinet in likwidazzjoni u li *"there is very little we can do but if you agree I will include your bills together wiith ours on the creditor's list".*

Illi minn din ir-ranjatela kollha li fil-fehma tat-Tribunal holqot konfuzjooni inutili, jidher li l-inkarigu in kwistjoni certament inghata lill-attur minn entita' Maltija. Dan jinghad ghaliex mill-provi rrizulta ampjament li  il-klijent Franciz ma giex rifert direttament lil attur izda kienet entita' Maltija li qabdet lill-attur sabiex ihejji l-'financial forecast' li taghha l-attur  qed jitlob il-pagament fil-kawza odjerna. Dan jirrizulta car minn dak li qal Duncan Abela, u li gie riportat aktar il-fuq, u annki mill-fatt li Leeds Limited fil-fatt  ma thallsitx mill-klijent Franciz izda minn Zimmerman House Projects Limited, ghalkemm inizjalment il-kont rigwardanti x-xoghol maghmul minnha fi hdan il-progett intbaghat lil Muscat azzopardi- Spiteri. M'huwiex car jekk l-attur effettivament giex inkarigat mid-ditta Muscat Azzopardi – Spiteri jew inkella minn Dr. Muscat Azzopardi innifsu. Wara li ezamina bir-reqqa l-provi kollha prodotti, specjallment il-kontenut tal-fax mibghuta minn Fiona Cassar u l-kontenut tal-fax mibghuta lill-attur mill-konvenut Dr. Godwin Muscat Azzopardi u datata 21 ta' Gunju 2001, li ghaliha saret referenza aktar il-fuq, it-Tribunal huwa aktar propens li jikkonkludi li l-inkarigu inghata lill-attur mill-konvenut Dr. Godwin Muscat Azzopardi. Dan jinghad ghaliex f'din l-ittra Dr. Muscat Azzopardi jidher li qed jaccetta li l-klijent Franciz kienn klijent tieghu u mhux ta' Muscat Azzopardi – Spiteri. In vista tal-fatt li kif diga' ntqal aktar il-fuq, l-attur gie mqabbad minn entita' Maltija, fis-sens illi l-klijent Franciz ma giex riferit direttament lill-attur, isegwi li l-attur ghandu jithallas mill-entita' Maltija li oroginarjament kienet giet imqabbda mill-klijent, u cioe' il-konvenut Dr. Godwin Muscat Azzopardi.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jillibera lill-konvenut Patrick Spiteri mill-osservanza tal-gudizzzju,, u filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Dr. Godwin Muscat Azzopardi, jilqa' t-talbiet attrici u

konsegwentement jikkundanna lill-konvenut Dr. Godwin Muscat Azzopardi sabiex ihallas lill-attur is-somma ta’ sitt mija u wiehed u sittin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu )Lm661.25), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza jithallsu nterament mill-konvenut Dr. Godwin Muscat Azzopardi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------